TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 193/16/F

**Clive Terribile**

**vs**

**Orange Travel Group Ltd.**

Illum 23 t'Ottubru, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-13 t'Ottubru, 2016 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf, disa' mija u tnejn u erbgħin ewro (€1,942), rappreżentanti diversi nuqqasijiet illi sabu meta marru fuq il-cruise liner Zenith.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

It-Tribunal jinnota li r-rikorrenti lmenta fuq diversi affarijiet, fejn fosthom turista Franċiża ippruvat tidħol fil-lift bil-bagalja u għaffġet lil kulħadd, it-tieni inċident kien meta marru fuq l-excursion lejn Sorrento, kellhom siegħa u nofs trip fuq il-bus u kienet ġurnata sħuna ħafna u l-air condition fuq il-bus ma kienx qed jaħdem, u t-tielet inċident kien fejn it-toilets tal-kabina ma kinux qed jaħdmu.

L-intimat issottometta li huwa minnu li ma kienx hemm air condition fuq il-coach u x-xhud tas-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi ma kinux għamlu ilment fuq it-toilets, la magħha u lanqas mal-vapur.

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota li fis-Sajf huwa diffiċli li wieħed juża coach mingħajr air condition speċjalment f'pajjiż fejn hemm ħafna sħana, kif ukoll huwa ta' inkonvenjent qawwi li toilets ġo kabina ma jaħdmux, pero' mhux ġustifikat li r-rikorrenti jitlob l-ammont kollu li talab.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' erba' mitt ewro (€400), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888